**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 21**

**Il-Ġimgħa 27 ta' Novembru 2020**

Il-Kunsilli Lokali ta' Marsaxlokk iltaqa' fil-Binja tal Kunsill , li tinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk - fl-4:00 ta' wara nofs in-nhar.

**PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Steven Grech | – | Sindku |
| Elenia Desira | – | Viċi Sindku |
| Janice Chetcuti | – | Kunsillier |
| Daniel Zerafa | – | Kunsillier |
| Stephen Caruana | – | Kunsillier |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Charles Attard – Deputat Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| **21.1** | **Qari ta’ ittri ta’ apoloġiji** |
| 21.1.1 | Xejn |
| **21.2** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti** |
| 21.2.1 | Kopja tal-minuti tas-seduta preċedenti numru 20 tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-minuti ta’ dawn il-laqgħat ittieħdu bħala moqrija. |
| 21.2.2 | Elenia Desira pproponiet u ssekonda Stephen Caruana bħala koretti, il-minuti tas-seduta preċedenti numru 20 u ġew approvati b’votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| **21.3** | **Komunikazzjonijiet mis-Sindku** |
| 21.3.1 | Is-Sindku informa il-Kunsilliera preżenti li l-impjegata li għada taħt perjodu ta' prova se titwaqqaf. Għalhekk, il-kontijiet bankarji mal-APS Bank, li dalwaqt ħa jiġu ffinalizzati u hemm bżonn li jkun hemm persuni oħra inkarigati fuq dan ix-xogħol. Is-Sindku qed jissuġerixxi li ż-żewġ Assistenti Prinċipali oħra tal-Kunsill, ikunu ir-rappreżentamti għall-Kunsill mal-bank. |
| **21.4** | **Mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |
| 21.4.1 | Is Sa. Janice Chetcuti staqsiet rigward it-triq ta’ ħdejn Hunters Tavern li qed issir u il-ħamrija. Is-Sindku qal li sa kemm qed isir ix-xogħol bilfors ser ikun hemm ftit ġar ta’ ħamrija, imma qed inaddaf ta’ spiss. |
| 21.4.2 | Stephen Caruana staqsa dwar Juno Heights. Is-Sindku irrisponda li qed issir it-triq sal-biċċa fejn hemm is-siġar. In-naħa ta ġewwa għada ma nxtaratx mill-Gvern u ttellgħa ċint sa kemm jintlaħaq ftehim. Din ser issir iktar tard. |
| 21.4.3 | Elenia Desira staqsiet dwar parti f’Port Ruman fejn is-Sindku spjega li sar xi tindif u jrid jinġieb High-up biex jitkompla ix-xogħol u tinżabar is-siġra. |
| 21.4.4 | Is-Sindku żied li fil-ġnien tal-Port Ruman hemm ħafna xi jsir peress li hu abbandunat. Inbidlu xi bozzoz u fejn xgħel u fejn ma xgħelx. Is-sindku qabbad lil Edric sabiex jgħamel pjanta għal dak li kien propost, cioe li jitranġa il-ġnien u jsir *outdoor gym.* |
| 21.4.5 | Dwar Sqaq Busbiesi is-Sindku ikkomunika li irranġa ma Reġjun Xlokk u tqabbdet persuna li qed tmexxi fuq applikazzjoni sabiex jinġieb 85% tan-nefqa biex isir il-proġett. |
| 21.4.6 | Is-Sindku u Elenia Desira tkelmu dwar il-vaċċin tal-influwenza fejn Elenia iċċaratli skont komunikat b’email , dan ser isir min ġol *Health Centres* biss għall-ewwel 15-il jum. |
| 21.4.7 | Din is-sena inġiebu aktar Ffondi għall-Milied din . Ingħataw €1000 Mir-Reġjun Xlokk u €5,000 mil- Ministeru tat-Turiżmu.b’Nefqa ghall kunsill ta’ €800 biss. |

<table>
<tr><td>21.4.8</td><td>Is-Sindku tkellem ma  Salvu tal-Elbros rigward id-dgħajsa li jzomm f’dan il post. Is-sindku staqsa sabiex id-dgħajsa titressaq, u titpoġġa fejn hemm il-Hard Standing tan-naħa ta wara. Inġiebu xi siġar  kif ukoll li inġiebu xi palm li ser jitpoġġew ġol-konok max-xatt.<br>Tkellem ukoll rigward il-break water li kien jintuża minnu. Dan kiteb email fejn għarraf lill Kunsill li ser ikun qed juża din il parti biex iħott u jżarma. Is-sindku spjega li ma taffetwaħx u sar qbil li tiġi iċċarata li dan għandu jżomm dan il post nadif kull darba li jintuża’, ma jħammiġx u ma jħallieħx ingumbrat.<br><br>Tkellem ukoll rigward l-ispazji tal-parkeġġ li sar minn Transport Malta. Sar qbil li jekk irid xi tibdil jiġi l-Kunsill sabiex isiru diskussjonijiet.</td></tr>
<tr><td>21.4.9</td><td>Inqabel li issir nota fil-minuti li sar qbil li jinġiebu il-Fondi mill-Europa dwar il proġett ta’ Sqaq Busbiesi.</td></tr>
<tr><td>21.4.10</td><td>Is-Sindku qal li qed issir talba għall-talba ta’ Tabella, fejn spjega li dawk li għandhom tabella dawn kollha qedin bla permess. Is-sindku għamilha ċara li ma jaqbilx.</td></tr>
<tr><td>21.5</td><td>Mozzjoni MXLC 1/2020</td></tr>
<tr><td>21.5.1</td><td><table>
<tr><th>Isem</th><th>Favur</th><th>Kontra</th></tr>
<tr><td>Steven Grech</td><td>✓</td><td></td></tr>
<tr><td>Elenia Desira</td><td></td><td>✓</td></tr>
<tr><td>Janice Chetcuti</td><td></td><td>✓</td></tr>
<tr><td>Stephen Caruana</td><td>✓</td><td></td></tr>
<tr><td>Daniel Zerafa</td><td>✓</td><td></td></tr>
<tr><td>Total</td><td>3</td><td>2</td></tr>
</table><br>Mozzjoni Approvata</td></tr>
<tr><td>21.5.2</td><td>Nota: Janice Chetcuti u Elenia Desira semmew li fuq dan kien diġa ittieħed vot f’laqgħa preċedenti u għadhom fl-istess fhema. Huma spjegaw ukoll il-pozizzjoni preżenti tagħhom u x’inhuma ir-riservi fir-rigward.</td></tr>
<tr><td>21.6</td><td>Devoluzzjoni: art  Skola Primarja  Bini ta’ ufficini ġodda għall-Kunsill.</td></tr>
<tr><td>21.6.1</td><td>Kif ġie mitkellem waqt il-mozzjoni.</td></tr>
<tr><td>21.7</td><td>Problema tal-Ħamiem</td></tr>
<tr><td>21.7.1</td><td>Is-Sa Janice Chetcuti saħqet li l-ministeru kien wiegħed li jingħata għalf sabiex jiġi stereliżżat il-ħamien. Ġaladarba dan qatt ma wasal intlaħaq qbil li jintuża danil- Falkun sabiex jinqabad il-</td></tr>
</table>

| | |
|---|---|
| | ħamiem selvaġġ. Residenti li għandhom il-ħamiem għandhom jiġu avżati sabiex dakinhar li jintelaq il-falkun ma jtajrux il-ħamiem tagħhom. |
| | |
| 21.8.1 | Ser jiġir iċċekjat jekk saritx risposta. Ġie deċiż li ser issir Laqgħa pubblika. |
| **21.9** | **Leave tal-Ħaddiema mressaq għas-sena 2021** |
| 21.9.1 | Sar qbil li jitressaq nofs is-siegħat għas-sena 2021 |
| **21.10** | **Risposta tal-Management Letter** |
| 21.10.1 | Ma kienx hemm kummenti u ġiet approvata. |
| **21.11** | ***Quarterly Report: 3rd Quarter*** |
| 21.11.1 | Kien sar buisness plan fuq projection ta 5 snin. Ser jiġi ċċekjat mall-accountant. |
| 21.12 | Daniel Zerafa semma li is-Seaver li kien inxtara jaħli €4 dawl kuljum. Dan kien sar biex jieħu ħsieb l-ekologija imma mill-banda l-oħra dan qed jaħli ammont konsiderevoli ta dawl. Ġie propost li jintalab permess sabiex isiru panelli fuq il-kamra tal-koperattiva tas-Sajd. Janice Chetcuti irrimarkat li din hi fl-interess tagħhom ukoll. Is-Sindku qal ukoll li hemm fondi sabiex ikun hemm għajnuna biex isiru dawn il-panelli u ser jiċċekja. |
| **21.13** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi tal Pagamenti** |
| 21.13.1 | Proponiet Elenia Desira u ssekonda Stephen Caruana. |
| **21.14** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |
| 21.14.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fil-17:30pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda, u ġiet aġġornata għal nhar il-Ġimgħa 18 ta' Diċembru 2020, fil 16:00pm.<br><br>Il-Laqgħa Ġenerali Annwali ser issir il-Ġimgħa 18 ta' Diċembru 2020 fis-18:30pm. |

Konfermati, illum 18 ta' Diċembru 2020

**IFFIRMATA** ________________________
**Steven Grech**
Sindku

**IFFIRMATA** ________________________
**Charles Attard**
*Deputat Segretarju Eżekuttiv*